MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2009

Appell Kriminali Numru. 92/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Pierre Grech)**
**Vs**
**Michael Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fi Guardamangia w f'dawn il-Gzejjer, fis-6 ta' Marzu, 2005 u matul l-ahhar xahrejn qabel din id-data,
a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroijna specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga w minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni

ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmijja w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga w dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati w bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroijna, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga w minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmijja w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga w dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati w bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) fl-istess data, hin u cirkostanzi kkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh jew ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgh, fil-provvista fl-amministrazzjoni jew f'li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti lil persuna li tkun qed isegwi programm ta' kura jew ta' rijabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi, bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ Marzu, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9, ir-regoli 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6 kif ukoll l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 22(1B) u l-proviso dwar id-distanza li jidher bhala t-tieni proviso taht l-artikolu 22(2)(b)(i)(ii) kollha tal-Kap. 101, sabet lill-appellant hati tal-ewwel, tat-tieni w tar-raba’ imputazzjoni kif ukoll tal-aggravju [Recte : “Aggravanti”] li jidher bhala t-tielet imputazzjoni w ikkundannatu ghal tmintax-il xahar prigunerija w ghall-hlas ta’ multa ta’ €800. Il-multa tista’ tithallas b’rati ta’ €50 kull xahar bl-ewwel pagament jithallas fi zmien erbgha gimghat. Jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc jithallas f’daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma tithallasx, din tinbidel f’jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux.
Ikkundannatu wkoll ihallas l-ispejjez tal-periti li nhatru f’din il-kawza li jammontaw ghal €387.27. Dawn ghandhom jithallsu fi zmien xahar. Fin-nuqqas ta’ hlas ta’ dawn l-ispejjez dawn jinbidlu awtomatikament f’jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux.
Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht is-sorveljanza tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 ta’ Marzu, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha in kwantu din sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel u tar-raba’ imputazzjonijiet, izda tirrevokaha in kwantu din sabitu hati tat-tieni w tat-tielet akkuza, w dan billi tiddikjara t-tieni akkuza bhala alternattiva ghal jew assorbita fl-ewwel akkuza, w tilliberah mill-aggravant kontenut fit-tielet imputazzjoni, b’dan li tigi nflitta fuq l-appellant piena inqas severa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li l-appellant instab hati kemm tal-ewwel kif ukoll tat-tieni imputazzjoni minghajr ma l-Ewwel Qorti qieset li wahda hija assorbita fl-ohra. Wiehed ghandu jifhem li

dawn l-imputazzjonijiet originarjament inhargu bhala imputazzjonijiet alternattivi. Ghalkemm huma zewg reat punibbli bl-istess mod, wiehed jista' jitqies li huwa l-mezz biex jista' jigi kommess l-iehor. Ghalhekk, ghal skopijiet ta' piena, l-Ewwel Qorti kellha tqis it-tieni imputazzjoni bhala assorbita fl-ewwel imputazzjoni. L-Ewwel Qorti ma tghidx li ghamlet dan w allura l-appellant jigi li gie punit doppjament. It-tieni aggravju jirreferi ghal dik li tpoggiet bhala t-tielet imputazzjoni w cioe' li kkommetta l-ewwel zewg reati "*gewwa distanza ta' mitt metru"* (Sic!) Illi apparti li din inkitbet f' forma xejn felici, l -appellant inghata x' jifhem li din l-akkuza saret minhabba l-iskola tal-Imsida, imma ddahhal id-Detox ukoll. Irrizulta li l-appellant ma kienx f' distanza ta' inqas minn 100 metru mill-iskola, pero' kien f' inqas minn din id-distanza mid-Detox Centre. L-Ewwel Qorti qieset li dan il-post hu post fejn jiltaqghu iz-zaghzagh. Izda l-ligi trid li l-post ikun proprju intenzjonat li jkun frekwentat miz-zaghzagh. Kieku ma kienx hekk, kieku anki Knisja hu post iffrekwentat miz-zaghzagh. Id-Detox hu frekwentat minn-nies ta' kull eta'. Il-fatt li hemm tendenza li jkun hemm aktar zaghzagh milli xjuh ma jfissirx li id-Detox huwa post immirat ghaz-zaghzagh. Ghalhekk ma ghandhiex tinghata interpretazzjoni wiesgha ta' post frekwentat miz-zaghzagh u l-appellant kellu jigi liberat minn dan l-aggravju [recte : aggravanti]. It-tielet aggravju jirrigwarda l-piena. Anki kieku stess ma jigux milqugha iz-zewg aggravji precedenti, l-appellant jissottometti li kien jimmerita piena inqas severa. L-Ewwel Qorti ma qiesetx li l-appellant kien ghamel programm ta' riabilitazzjoni, li kien qieghed is-SATU w tant avvanza w ghamel progress li anki nhatar *"leader"*. Dan ifisser li hemm probabblita' tajba li l-appellant mhux biss ikun ta' ghajnuna ghal shabu l-ohra, fil-programm, imma li meta jlesti huwa ikun ta' ghajnuna ghal vittmi ohra li jkunu ghadhom iridu jircevu l-ghajnuna. Bil-kundanna ta' sena w nofs prigunerija hemm biza' li kollox imur il-bahar.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Dwar l-ewwel aggravju, l-appellant m' ghandux ragun meta jassumi li dawn iz-zewg reati gew inkluzi fl-akkuza bhala reati alternattivi. Mhumiex. Huma zewg reati li jistghu jirrizultaw indipendentement u kumulattivament flimkien anki fir-rigward tal-istess tip ta' droga, fl-istess zmien u cirkostanzi.

Pero' l-appellant ghandu ragun meta jissottometti li t-tieni imputazzjoni ta' pussess mhux ghall-uzu esklussiv tieghu tad-droga eroina, ghall fini ta' piena, ghandha titqies li tigi assorbita fl-ewwel imputazzjoni li forna jew ipprokura d-droga eroina, ghax dak ir-reat ikun necessarjament serva bhala mezz biex ikun jista' jigi kommess ir-reat ta' traffikar kontemplat fl-ewwel imputazzjoni skond l-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali. Din hija l-gurisprudenza kostanti w inveterata ta' l-Qrati Maltin in materia. (ara: “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mansour Muftah Nagem**” [30.10.2002] ; “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Ahmed Esawi Mohamed Fakri**”, **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Kandemir Meryen Nilgum w Kucuk Melek"** [21.5.2004] u ohrajn).

Issa fis-sentenza appellata ma saret ebda referenza ghal dan l-assorbiment u lanqas gie citat l-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali b' mod li jindika li dan il-fattur fil-konkors tar-reati w pieni ma giex mehud in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti. Ghalhekk dan l-aggravju jidher ghall-inqas *prima facie* gustifikat.

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tat-tieni aggravju, l-appellant, fir-rikors tal-appell tieghu, jikkoncedi li hu kien f' distanza ta' inqas minn mitt metru (100) mid-Detox Centre li hemm fejn l-Isptar San Luqa, f' Gwardamangia. Jikkoncedi ukoll li "*hemm tendenza* (li) *jkun hemm aktar zaghzagh milli xjuh"* fid-Detox Centre. Pero' jghid li dan ma jfissirx li d-Detox hu post immirat ghaz-zaghzagh. Pero' l-ligi meta tohloq l-aggravanti in ezami fil-proviso ghall-artikolu 22 (2) (b) (i) ma ssemmix post ***"immirat"*** ghaz-zaghzagh, izda tghid :

*"fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club, jew centru taz-zaghzagh, jew **<u>xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh</u>**."*

Issa hu risaput generalment u mill-Qrati tal-Gustizzja Kriminali partikolarment li sfortunatament go u fil-vicinanzi tad-Detox Centre li fiz-zmien tal-allegati reati kien jinsab barra l-Isptar San Luqa, jkun hemm *un via vai* kontinwu ta' *drug addicts*, fil-maggor parti taghhom zaghzagh, li jmorru hemm biex jiksbu l-medicina preskritta minhabba l-*addiction* li jkollhom. Dawn in-nies ikunu mill-aktar vulnerabbli fl-istat li jkunu li jergghu jirkadu ghad-droga proprja w dan il-fattur mhux rari jinkoraggixxi lill-*pushers* li jiffrekwentaw iz-zona bl-intenzjoni li jispaccjaw id-droga fost dawn il-persuni li kif intqal fil-maggor parti taghhom ikunu zaghzagh. Ghalhekk ma hemmx dubju li f' dan il-post ikun hemm prezenza giornaliera w regolari ta' zaghzagh li facilment jigu t*argeted* mill-ispaccjaturi. Forsi jekk hemm post li hu l-aktar facli biex isir spaccjar ta' droga huwa proprju madwar dan id-Detox Centre ghax il-persuni - **<u>partikolarment zaghzagh</u>** - li jiffrekwentawh ikun diga' waqghu vittmi tal-vizzju tad-droga. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-post jaqa' sew entro d-definizzjoni li taghti l-ligi biex jikkonfigura ruhu dan l-aggravanti tar-reati dedotti.

F' kull kaz umbaghad irrizulta mir-relazzjoni tal-Arkitett Alexei Pace nominat bhala espert mill-Ewwel Qorti, li l-post fejn kien l-appellant, apparti li kien biss sitt metri boghod mid-Detox Centre, kien ukoll entro r-ragg ta' mitt metru mill-Istitut tal-Ursolini u St. Angela Nursery School.

Ghalhekk taht kull aspett dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi respint.

Ikkonsidrat;

Illi l-ahhar aggravju hu li l-piena hija harxa wisq. Issa l-princpju regolatur hu li Qorti tal-Appell ma tiddisturbax id-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun entro l-parametri tal-ligi w ma tkunx tidher li hi manifestament eccessiva. Skond l-artikolu 22(2)(b)(I) u l-proviso tal-Kap.

101, il-piena ghar-reat kontemplat fl-ewwel imputazzjoni, minghajr l-aggravanti tad-distanza appena trattata w minghajr zieda fil-piena bi grad ghar-recidiva, hi dik tal-prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin u l-multa ta' mhux inqas minn Ewro 465.87 u mhux izjed minn Ewro 11,646.87. Ghalhekk il-piena erogata zgur li ma tohrogx mill-parametri tal-ligi.

Illi l-piena karcerarja u l-multa huma tassattivi w mandatorji f' kaz ta' traffikar u pussess mhux ghall-uzu esklussiv u f' kull kaz, tenut kont tar-recidiva w tal-fedina penali refrattarja tal-appellant, il-piena restrittiva tal-liberta' hija mhux biss indikata imma inevitabbli fic-cirkostanzi, ghamel kemm ghamel progress l-appellant fir-riabilitazzjoni tieghu mill-vizzju tad-droga.

Pero', peress li jidher li l-Ewwel Qorti ma ddikjaratx espressament li t-tieni imputazzjoni hija, ghall-fini tal-piena, assorbita fl-ewwel imputazzjoni skond l-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, hemm lok ghall-temperament fil-piena biex jirrifletti dan in-nuqqas.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellanti hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet u tat-tielet aggravanti tad-distanza ta' inqas minn mitt-metru minn post fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh w tar-raba' addebitu tar-recidiva, kif ukoll fejn ma kkundannatx lill-appellant ihallas l-ispejjez peritali li huma strettament marbuta mal-inkjesta magisterjali, izda fejn ikkundannatu jhallas l-ammont ta' Ewro 387.27 fi zmien xahar, li issa jibda jiddekorri mil-lum, u fin-nuqqas ta' hlas ta' dawn l-ispejjez dawn jimbidlu awtomatikament f' jum prigunerija ghal kull Ewro 11.65 li ma jithallsux, kif ukoll fejn ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita taht is-sorveljanza tar-Registratur;
w tirrevokaha fejn ikkundannatu ghall-piena ta' tmintax il-xahar prigunerija w ghal multa ta' tmin mitt Ewro (Ewro 800) u minnflok, bl-assorbiment ghall-fini tal-piena tat-tieni imputazzjoni fl-ewwel imputazzjoni skond l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali, tikkundannah ghal sena prigunerija w multa ta' sitt mitt Ewro (Ewro 600), b' dana li l-multa tkun

tista' tithallas b' rati mensili ta' mhux inqas minn hamsin Ewro (Ewro 50), l-ewwel pagament ikun dovut f' eghluq xahar wara li tigi skontata l-piena ta' sena prigunerija, w b' dana li jekk l-appellant jonqos li jhallas puntwalment xi skadenza mensili wahda jew parti minnha, l-bilanc talvolta dovut ikun ezigibbli kollhu minnufieh f' daqqa w, jekk ma jithallasx, jigi awtomatikament konvertit f' terminu ulterjuri ta' prigunerija bir-rata ta' Ewro 11.65 ghal kull jum skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------